

# It-Talba tar-Rużarju




## Il-Misteri tal-Ferħ

Ngħiduhom nhar ta' Tnejn u nhar ta' Sibt




# Il-Misteri tad-Dawl

Ngħiduhom nhar ta' Ħamis




# Il-Misteri tat-Tbatija

Ngħiduhom nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Ġimgħa




## Il-Misteri tal-Glorja

Ngħiduhom nhar ta’ Erbgħa u nhar ta’ Ħadd

### Il-Misteri tal-Ferħ
1. L-ewwel misteru: L-Anġlu Gabrijel ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla
2. It-tieni misteru: Marija marret iżżur lill-qariba tagħha Eliżabetta
3. It-tielet misteru:  Sidna Ġesù Kristu twieled fl-għar ta' Betlehem
4. Ir-raba' misteru: Marija ppreżentat lill-binha Ġesù fit-Tempju
5. Il-ħames misteru: Marija tilfet lil binha Ġesù u wara tliet t'ijiem sabitu fit-Tempju jiddiskuti mad-Dutturi

### Il-Misteri tad-Dawl
1. Meta sidna Ġesù Kristu tgħammed fix-xmara Ġordan.
2. Meta sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana.
3. Meta sidna Ġesù Kristu ħabbar is-saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema.
4. Meta sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-appostli fuq il-muntanja Tabor.
5. Meta sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-misteru tal-Għid.

### Il-Misteri tat-Tbatija
1. Meta sidna Ġesù Kristu għamel l-orazzjoni fl-ort u għereq l-għaraq tad-demm.
2. Meta sidna Ġesù Kristu kien marbut mal-kolonna u fflaġellat.
3. Meta sidna Ġesù Kristu kien inkurunat bix-xewk.
4. Meta sidna Ġesù Kristu kien mgħobbi s-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju.
5. Meta sidna Ġesù Kristu kien mislub fuq is-salib u, wara tliet sigħat tal-agunija, miet.

### Il-Misteri tal-Glorja
1. Meta sidna Ġesù Kristu qam minn bejn l-imwiet.
2. Meta sidna Ġesù Kristu tela' s-sema.
3. Meta sidna Ġesù Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli.
4. Meta sidtna Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem.
5. Meta sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinità qaddisa, u mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli.

### Salve Reġina
Sliema għalik, Sultana, omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tagħna. Sliem għalik, lilek ingħajtu, għaliex aħna tturufnati wlied Eva, lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dan il-wied tad-dmugħ. Ejja, mela, avukata tagħna, dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena. Urina, wara dan it-turufnament lil Ġesù frott imbierek tal-ġuf tiegħek, o ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija

### Kif titlob ir-rużarju
Kull darba li ngħidu sett ta' misteri, inkunu qegħdin niftakru f'mumenti differenti fil-ħajja ta' Ġesù.
Għal kull misteru ngħidu:

Il-Missierna fuq iż-żibġa l-kbira
10 Sliema għalik Marija fuq iż-żibeġ iż-żgħar
Il-glorja qabel iż-żibġa l-kbira li jmiss.

Wara kull misteru ngħidu t-talba ta' Fatima:
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern, ħu l-ġenna l-erwieħ kollha, speċjalment dawk li l-aktar għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek.